# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 64

Il-Ħamis 18 ta' Mejju 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 18 ta' Mejju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

64.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi u l-Kunsillier Juliet Attard infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu indisposti minħabba raġunijiet personali. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

64.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 62 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 63 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

64.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

64.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

64.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li sejjaħ laqgħa mas-Sur Michael Buhagiar, *Chief of Staff* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex, sabiex tingħata għajnuna ta' riżorsi umani u materjal biex issir manutenzjoni fix-Xlendi speċjalment fi Pjazza Anfori. Is-Sindku stqarr li r-reazzjoni kienet waħda pożittiva min-naħħa tagħhom.

64.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill għaddej b'manutenzjoni ġenerali fil-Munxar hekk kif il-jiem tal-festa jinsabu fil-viċin. Dan ix-xogħol jinkludi qtugħ ta' ħaxix u tibdil ta' tabelli tat-traffiku fost l-oħrajn.

64.3.3 Is-Sindku ppropona sabiex jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza b'informazzjoni dwar ħarġa f'Malta nhar it-8 ta' Ġunju 2023, sejħa għall-voluntiera biex jassistu fil-ftuħ tat-torri tax-Xlendi, kif ukoll informazzjoni dwar l-għeluq tat-toroq fil-jiem tal-festa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

64.3.4 Is-Sindku reġa' fakkar lill-membri dwar l-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina nhar is-26 ta' Mejju 2023 flimkien mal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli u l-Onorevoli Clint Camilleri. Huwa fakkarhom ukoll dwar l-inawgurazzjoni tal-proġett tat-Torri tax-Xlendi skedat għall-15 ta' Ġunju 2023.

64.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie avviċinat minn residenta fi Triq Ras il-Bajjada sabiex issir manutenzjoni tal-bankina. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din issir b'madum tas-sument.

64.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti sabiex isir l-akkwist ta' fanali dekorattivi għal Triq San Xmun u Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Il-membri preżenti ħatru l-bord tal-evalwazzjoni li se jkun magħmul mis-Sindku bħala *chairperson* tal-bord u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju tal-bord filwaqt li s-Sur William Sultana, is-Sur Daniel Galea u l-Inġinier Mario Cauchi l-evalwaturi ta' dan il-bord.

64.3.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ġab l-approvazzjoni sabiex parti mill-fondi tal-iskema tal-aċċessibilita' u mobbilità maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, jintużaw sabiex jinbidel ir-*railing* ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti u jinħatar l-istess bord tal-evalwazzjoni maħtur fis-sejħa tal-offerti għall-akkwist tal-fanali dekorattivi.

## 64.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

64.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis, staqsiet dwar it-tabella tal-*bus stop* tal-pjazza biex terġa' teħel u dwar il-qlugħ ta' arblu tad-dawl qadim fi Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ser jibgħat tfakkira lill-awtoritajiet konċernati.

## 64.5 Proġetti fil-Lokalita';

64.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex tiġi rilokata l-*waste depot* ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi hekk kif maqbul f'laqgħa preċedenti.

64.5.2 Is-Sindku informa lill-membri dwar il-proġett tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka fejn bħalissa għaddejja l-korrispondenza mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-fondi għal dan il-proġett.

## 64.6 Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri u r-Risposta tal-Kunsill;

64.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn saru xi rimarki wara l-*audit* li sar għas-sena 2022, kif ukoll ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-Awdituri, lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Awditur Ġenerali.
Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 64.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

64.7.1 Il-Kunsill irċieva rapport mis-sezzjoni tal-Pulizija tal-Komunita' dwar pjan sabiex jiġu nstallati CCTV cameras f'postijiet strateġiċi fix-Xlendi u fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jiġbor stima u japplika għall-fondi taħt l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali 'SPI/SCI/04/2023 - Komunitajiet aktar siguri u organizzati'.

64.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-segretarjat parlamentari fi ħdan il-Gvern Lokali biex il-Kunsill jidentifika post fejn titħawwel siġra kommemorattiva għal inizjattiva li ser issir fix-xahar t'Ottubru f'kull lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din titħawwel fil-*promenade* tax-Xlendi.

64.7.3 Il-kumpanija tat-telekomunikazzjoni GO bagħtet proposta lill-Kunsill Lokali sabiex jaġġorna s-servizzi tiegħu mal-kumpanija. Din il-proposta tinkludi kuntratt ta' sentejn b'kumpens finanzjarju li jammonta għal elf ewro li jitnaqqas mill-kontijiet. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim.

64.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand *The Energy and Water Agency* fi ħdan il-Ministeru tal-Ambjent l-Enerġija u l-Intrapriża, dwar proġett li qed jimplimentaw biex ibiddlu l-infrastruttura tal-*EV Charging Pillar* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi għal waħda aktar moderna. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

64.7.5 Il-Kunsill irċieva talba mingħand BirdLife Malta sabiex jinstalla plakka informattiva fi Pjazza Anfori fix-Xlendi dwar proġett li qed jimplimentaw fir-rigward ta' protezzjoni tal-għasar tal-baħar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jotjenu l-permessi neċessarji mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

64.7.6 Wara korrispondenza bejn d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti għat-talbiet ta' kumpens mressqa mill-kuntrattur tax-xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja u ta' Triq L-Isqawi fil-Munxar, il-Kunsill ħareġ talba formali lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-finanzjament addizzjonali mal-allokazzjoni tiegħu għal din is-sena. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

64.7.7 PQ 8507 – Talbiet lill-Gvern Lokali għal kumpens ħsarat fuq vetturi. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

64.7.8 PQ 8292 – Zebra Crossings ġewwa Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

64.7.9 Ċirkulari DLG numru 10/2023 – Inizzjattiva biex fir-Rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.10 Ċirkulari DLG numru 11/2023 – Tnedija tal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2023/031 – Tnedija tad-dokument 'Parking Management Sustainable Mobility' 31/05/20323. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2023/032 – Invitation: Training on how to fight disinformation 10th & 11th May 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2023/033 – CEMR Expert Groups Workshops – Capacity Building. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2023/034 – PV Battrey Project. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2023/035 – Tabelli bil-Malti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2023/036 – MCCAA Events Enquiry. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2023/037Y – Youth in Cities Dialogue (online) 11th May – Africa, Asia & Europe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2023/038 – Compensation Scheme – Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2023/039 – EUCF Webinar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2023/040 – UEFA U19 Championship Malta – Invit għar-Reġjuni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.21 Ċirkulari Nru AKL 2023/041 – Ftehim Bus Shelters May 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut u iffirma d-delega lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex tiffirma f'ismu l-ftehim milħuq bejn l-Awtorita' tat-Trasport, Faces Ltd, 356 Ltd u l-istess Assoċjazzjoni sabiex tiġi riżolta s-sitwazzjoni dwar il-Bus Shelters.

64.7.22 Ċirkulari Nru AKL 2023/042 – Animal Welfare in Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64.7.23 Ilment 19/2023

Residenta tilmenta dwar id-dawl tal-i*slipway* tax-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li dawn id-dwal inqalgħu biex isirilhom manutenzjoni u filfatt reġgħu twaħħlu. Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser ikunu qed jitwaħħlu d-dwal il-ġodda kif approvati f'laqgħa preċedenti.

64.7.24 Ilment 20/2023
Resident jilmenta dwar ħofra fi Triq iż-Żirżieb li niżlet minħabba l-makkinarju li qed ikun hemm. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isir xogħol ta' *patching*.

64.7.25 Ilment 21/2023
Residenta titlob sabiex issir manutenzjoni tal-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha fi Triq il-Kalkara tal-Ġir fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 64.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

64.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 64/2023-8 għall-perjodu bejn is-26 t'April 2023 u t-18 ta' Mejju 2023 li tammonta għal €44,721.80 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 64.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

64.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv